# IL-KONKORS TAGħNA

II.

# TONINU

—Ħa', ejja gedida...ejja ntellqu...wieħed, tnejn, tlieta... u Toninu, bil-ħabel li kien marbut ma' għonq il-gidja f'idu, telaq jiġri kemm kellu saħħa fit-triq il-bajda—l-aħjar triq li kellhom fir-raħal—qalb ħafna trab u taħt ix-xemx tikwi, tas-sajf. It-triq, magħluqa minn żewġ ħitan twal tas-sejjieħ li mat-tarf tagħhom kienu jidhru mxabbta s-siġar tal-bajtar tax-xewk, kienet tilwi, wara xi mitejn pass, lejn in-naħa tal-lemin, fejn iżjed 'il fuq, fil-quċċata tal-għolja, kien hemm xagħra żgħira kollha blat għeri u ħaxix ħażin. Xħin waslu hemmhekk, Toni u l-gidja marru jistrieħu fid-dell ta' blata ftit iżjed għolja mill-bqija, poġġew fl-art u bdew jitqallbu fuq xulxin.

Toninu kien għadu kemm għalaq seba' snin, iżda kien juri iżjed, tant kien ġieb ruħu. Wiċċu kien ismar, għajnejh suwed, xagħru nnukklat. Kien liebes qalziet tad-drabb ta' Malta twil sal-qasba ta' siequ u mwaħħal ma' spalltu b'ċinga waħda taċ-ċarruta, għax l-oħra kien dejjem iħalliha mdendla warajh; il-qmis kienet bajda u kaħla.

Ommu Katrin, mara armla, ma kellhiex ħliefu u kienet tħobbu daqs id-dawl ta' għajnejha. Kif jisbaħ kienet tatih skutella ħalib mimlija ftiet u tibqa' tfittitlu u tfittitlu sa kemm ma jkunx jista' jibla' iżjed. Xħin ixxebbgħu, kienet tqabbadlu l-gidja f'idu u iġri 'l barra għax-xemx sa nofs inhar. Għax Katrina ma kenitx tibagħtu skola lit-tifel tagħha; kienet tgħid li hemmhekk jaħqruhulha, li taħt is-saqaf minn-għajr xemx żgur jimirdilha. Iżda f'qalbha kienet tgħid li jekk imurilha l-iskola, idejh ma jkunux tajba għax-xogħol tar-raba' u li jekk jitgħallem jikteb u jaqra, la jikber, iħalliha u jsiefer. Inbagħad min jaħdmilha l-egħlieqi u jindukralha l-bhejjem? min jitmagħha la tixjieħ?

Toninu, ta' tifel li kien, kien jilgħab mal-gidja u jkellimha bħallikieku oħtu. Ħdejn il-blata għamel dawra ġebel minn-flok id-dar u ġabar kemm sab biċċiet xaqquf li għalih kienu jiswew daqs l-ogħla flus. Xħin kien jisma' l-qampiena ddoqq tal-għaxra, kien jorbot il-gidja bil-ħabel u joħrogħha ddur dawra max-xagħra. Wara ftit minuti kienu jerġgħu l-ura,

joħroġ kisra ħobż sewda tal-maħlut minn ħobbu u jlesti l-mejda fuq ġebla kbira. Kien iqatta' l-ħobż bi snienu f'ħafna biċċiet, li kien ipoġġihom waħda ħdejn l-oħra fuq il-ġebla. Kemm-il-darba l-gidja kienet taħtaflu xi biċċa u titlaq tiġri u hu jkollu jaqbadha mill-ġdid u jħalliha marbuta sa kemm ilesti kollox.

L-ikbar biċċa xogħol li kien jieħu kienet qabel l-ikel mita jiġi biex iroddilha s-salib. Kien jaqbdilha sieqha l-leminija, u jgħawweġielha kif jista' ħalli jmissilha gedduma.

—Isa, għid... isa, għid...

—Meeeeeeq... meeeeeeq...

—Iva, iva, hekk!...

U kien iħabbat idejh bil-ferħ, jinxeħet bil-qiegħda fl-art u jibdew jieklu, gidma hu u gidma hi, bħal aħwa.

Iżda dak inhar, il-gidja, wara li kielet, minnflok ma qagħdet tilgħab miegħu, ħarbitlu. Għalxejn għajtilha, għalxejn wiegħdha li xħin jaslu d-dar itiha ħafna ħaxix x'tiekol. Hi kienet tieqaf, toqgħod tħares lejh b'għajnejn mibluha u tgħajjatlu: Meeeeeeq... meeeeeeq; iżda xħin jersaq lejha biex jaqbadha, araha sejra tiġri. Damu jiġru wara xulxin, fit-toroq u fl-egħlieqi, san-nofs siegħa, sa kemm il-gidja sabet it-triq tad-dar u baqgħet sejra weħedha.

Fil-għaxija qabel ma raqad, Toninu beda jibki bl-uġigħ ta' ras; il-għada fil-għodu ma ħariġx idawwar il-gidja.

* * *

Toninu baqa' sejjer għal l-agħar. Il-wardiet ta' wiċċu kienu għabu, il-leħħa ta' għajnejh kienet intemmet fix-xejn. Il-ħin kollu jibki u jingħi u jgħajjat 'l ommu biex ma twarrabx minn ħdejh għax jibża' joqgħod waħdu fil-kamra. Kulltant il-gidja mill-maqjel kienet tgħajjatlu b'leħen għajjien u mdejjaq donnha saret taf x'kienet għamlitlu: Meeeeeq... meeeeeq...; iżda hu ma kienx iwieġibha, għax kien bil-geddum magħha talli ġerrietu tant għal xejn.

Katrina, b'saħħitha bħal ma jkunu b'saħħithom ulied ir-raba', ma kellhiex kwiet f'ġisimha. Ma' tul il-jum kienet toqgħod iddur ma' dwar is-sodda ta' Toninu, issa titbaxxa ħa' tqegħidlu sew il-gvieret, issa biex tara moħħu jaħraqx; kienet toqgħod issaqsih fejn iħoss l-uġigħ, ilux iħossu u fl-aħħar tgħidlu li dal-waqt igħaddilu kollox u joħroġ iġerri l-gidja mill-ġdid.

Fil-għaxija xħin Toninu kien jorqod, kienet toħroġ fuq truf subgħajha mill-kamra u tmur toqgħod bil-qiegħda fuq il-għatba tad-dar għall-frisk u tgħid xi kelmtejn mal-ġara.

—Kif inhu t-tifel?

—Naħseb li ħażin... Dik il-mingħul ta' gidja għandu jkun tatu xemxata...

—It-tifla ta' Nezju wkoll kellha xemxata. Ġibulha it-tabib...

—Jien it-tabib ma nġibux! X'inġibu jagħmel il-ħin kollu jħares lejh minn taħt in-nuċċali u joqgħod jiflilek kull ma għandek fil-kamra ħaġa b'ħaġa? Mur ara billi joqgħod jissemma' fuq żaqqu, hux sejjer ifejqu...

—Sewwa q'ed tgħid. Ċikka ta' Marożż qatt ma daħħlet tabib f'darha u, ma' dan kollu, ilu xi ġimagħtejn, fejqet lil żewġha. U taf biex fejqitu? Għamlitlu salt ġbajjar tal-kittien fuq is-sinsla ta' dahru, jaħarqu daqs in-nar, malli tneħħilu waħda tpoġġi l-oħra. U l-għada, Alla jbierek, qam qawwi daqs gendus. Le, le,... iġġibux tobba... dan għal fejn?...

—Dan żgur; jista' jdum jistenna qabel ma jidħol f'dari. Issa l-lejla, nagħmillu l-ġbajjar u għada nġib 'il kappillan jaqralu fuq rasu... B'hekk ifieq it-tifel, mhux bit-tabib!...

Xħin dalam u kullħadd inġabar f'daru, Katrin daħlet, fittxet kemm kittien kellha u waddbitu f'borma jagħli. Il-lejl kollu ma raqditx farka u qagħdet, bis-sabar kollu, tibdel il-ġbajjar minn fuq dahar it-tifel; għalxejn jibki għax kien iħoss dahru jinħaraq...

* * *

Fil-għodu, mas-sebħ, ħalliet it-tifel jorqod u telqet lejn il-knisja. Semgħet l-ewwel quddiesa u xħin spiċċat, daħlet fis-Sagristija tfittex lill-kappillan ħalli jmur jaqralha fuq ras binha. Il-kappillan neża', xorob ftit kafè u telaq magħha u ma' tul it-triq ġagħilha tgħidlu kull ma' għamlet lit-tifel.

—Għamiltlu l-ġbajjar tal-kittien... tajbin ħafna... Ċikka ta' Marożż fejket bihom lil żewġha.

—Iva?!... u t-tifel tiegħek x'għandu?

—Xemxata. Mar jiġri ma' dik il-min... mal-gidja.

—U r-raġel ta' Ċikka x'kellu?

—Ma nafx sew... naf li fieq bil-ġbajjar tal-kittien.

Sa fl-aħħar waslu d-dar, daħlu u semgħu lil Toninu jokrob. Il-kappillan resaq lejh u ralu wiċċu ħollu ikħal u xofftejh bojjod.

—Ħsibtu jien...

Kixfu malajr, dawru wiċċu l-isfel u baqa' mistagħġeb: xi xiber taħt għonqu kellu dabra daqs tmintâx irbiegħi, ħamra bħan-nar u mqaxxra kollha.

—Mur iġri għat-tabib.

—Xi ġralu, sinjur?

—Isa, titlifx żmien, iġri għat-tabib.

Katrina telqet tiġri bħal waħda miġnuna lejn dar it-tabib, b'rasha xuxa, b'xagħrha maħlul u jittajjar mar-riħ. Kienet tħoss xi ħaġa tqila tagħfsilha qalbha, kienet tħossha tuġagħha bħal mita jkun se' jiġrilna xi ħaġa kbira, għax minn leħen il-kappillan indunat li t-tifel tagħha kien wasal fl-aħħar. Kif kienet għoddha waslet ħdejn dar it-tabib lemħitu ħiereġ mill-bieb, marret fuqu, qabditlu idu.

—Sinjur, isa, iġri, għax it-tifel tiegħi q'ed imut; imxi miegħi, fejjaqli t-tifel, m'għandix ħliefu... Natik kull ma għandi, kull ma trid... imxi, jaħasra, imxi fejjaquli, għax minn ħin għal l-ieħor jista' jmut... u jien nisfa waħdi...

Għal l-agħjat ta' l-imsejkna, inġamgħu ħafna nies ma' dwarhom u kullħadd beda jitħassarha. Xħin għaddielha ftit u setgħet tfiehem lit-tabib kull ma ġralha, dan telaq bilġri warajha, waqt illi hi, it-triq kollha, titkellem weħedha u tagħmel il-wegħdi lill Madonna u 'l-qaddisin biex ifejqulha 'l binha.

—Madonna ta' Pinu, natik għaxar xamgħat jekk Toninu ma jmutlix... natik il-ġiżirana tad-deheb u l-erba' labriet tal-ġawhar li ħallietli ommi... Madonna, fejjaquli... niġi kull nhar ta' Sibt għarkobbtejja quddiem l-artal tiegħek, insumlek l-Erbgħat kollha għal l-erwieħ tal-Purgatorju li f'ħajjithom ħabbewk... Sur tabib, għaġġel, għax ma nilħquhx ħaj, forsi q'ed imut bħal issa... Alla jibqa' jafulek, Sinjur... Madonna, ieqaf miegħi Int...

Kif lemħu d-dar Katrina żiedet fil-mixi, telqet tiġri bħal belha u ġġebbed lit-tabib minn idu. Malli waslu daħlu mgħaġġla fil-kamra tat-tifel u sabuh jitlob lill-kappillan iġiblu l-gidja ħa joħodha miegħu. It-tabib taptaplu u ssemmagħlu sidru, u wara ftit kemmex xofftejh u għammeż lill-kappillan.

—Mhux għal magħna...

Katrina li kellha għajnejha mwaħħla fuq xofftejn it-tabib, minn l-ewwel fehmitu u ntelqet fl-art tagħjat u tqatta' xagħrha.

—Se' jmutli... se' jmutli... X'mort għamilt b'idejja.

—Ġbint, m'għandekx għalfejn tagħmel hekk. Xi tridu joqgħod jagħmel hawn, mhux aħjar imur igawdi ħdejn Alla? Isa, imxi ftit il-barra, il-frisk jagħmillek tajjeb...

—Hallini, sinjur... U jien qtiltu 'l dak, b'idejja... b'dawn l-idejn qtiltu 'l ibni... Min jaf kemm tħabatt bih u issa gejt noqtlu jien...

Il-biki u l-krib ta' dik l-omm imdejqa ma qata' xejn, ħlief biex kulltant tmur tbus għal l-aħħar darba xofftejn binha diġa' kiesħa jew biex toqgħod titlob quddiem xi xbieha tad-Duluri.

Għall-ħabta tad-disgħa, il-kappillan ħareġ, bagħtilha tnejn mill-ġara u mar iġib il-Grieżma. Waħda minn dawk in-nisa poġġiet ħdejn ras it-tifel, kulltant ixxarrablu xofftejh b'maktur miblul u timsaħlu l-għaraq kiesaħ; l-oħra warrbet kemm satgħet lil Katrina minn ħdejn binha u bdiet tfarrġilha qalbha. Xi nofs siegħa wara raġa' wasal il-kappillan ma' żewġt itfal lebsin l-aħmar; u l-omm, xħin rathom, mill-ġdid raġgħet bkiet u għajtet.

Il-kappillan sikkitha. Qabad biċċa tajjara, ċappasha biż-żejt imbierek u biha għamel salib fuq moħħ it-tifel. U t-talba tal-kappillan, fis-skiet tal-kamra, inxerdet ma' dwaru u ntfiet bil-mod il-mod fix-xejn. Katrina dehrilha q'ed tara t-talba tal-kappillan tielgħa 'l fuq il fuq sa ma għaddiet is-sħab u leħqet l-ogħla smewwiet; dehrilha q'ed tara l-Anġli jagħmlu żewġ ġwienaħ tar-rix tad-deheb għat-tifel tagħha u rathom ukoll jifirxu triq tal-ward u vjoli, li mis-sema bdiet nieżla u titwal sad-dar tagħha.

Il-kappillan kompla l-Grieżma: diliklu xofftejh, bit-tajjara mbierka, diliklu għajnejh, idejh, widnejh u saqajh. Xħin spiċċa, rafa' idu u taħ il-barka, u qagħad jistennih jieħu l-aħħar nifs. Ommu qagħdet in-naħa l-oħra ħdejn ras it-tifel u b'għajnejha ċassi lejn xofftejh, minngħajr ma xerrdet demgħa, stennietu jmur jilħaq l-Anġli l-oħra. Wara ftit, Toninu bexxaq ħalqu u mejjel rasu: miet!

Għal l-ewwel Katrina baqgħet tħares lejh,bla ma tħarrket, bla ma ħadet nifs. Iżda xħin ftakret x'kien ifisser dak li rat, li binha għaliha kien mitluf, bdiet twerżaq u tħabbatt bla ħniena fuq sidirha.

—U qtiltu jien... qtiltu jien...

Il-gidja, mill-maqjel, refgħet rasha 'l fuq u bdiet tgħajjat: Meeeeq... meeeeq... forsi biex tgħid 'l ommu li hija wkoll kellha sehem fil-mewt ta' Toninu.

Tama

**Ġużè Bonnici**

35, Sda. Alessandro, Valletta.